

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Petra Nünemann

Konvenuta: TUIfly GmbH

Il-kawża tħassret mir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja b'digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Mejju 2018.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Amtsgericht Hannover (il-Ġermanja) fis-7 ta' Lulju 2017 – Barbara Yvette Müller et vs TUIfly GmbH

(Kawża C-409/17)

(2018/C 285/28)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Amtsgericht Hannover

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Barbara Yvette Müller, Stefanie Müller, Michelle Müller

Konvenuta: TUIfly GmbH

Il-kawża tħassret mir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja b'digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-28 ta' Mejju 2018.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Amtsgericht Düsseldorf (il-Ġermanja) fis-17 ta' Lulju 2017 – Bially et vs TUIfly GmbH

(Kawża C-429/17)

(2018/C 285/29)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Amtsgericht Düsseldorf

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Bially et

Konvenuta: TUIfly GmbH

Il-kawża tħassret mir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja b'digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-28 ta' Mejju 2018.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Arbeits- und Sozialgericht Wien (l-Awstrija) fit-23 ta' April 2018 – Minoo Schuch-Ghannadan vs Medizinische Universität Wien

(Kawża C-274/18)

(2018/C 285/30)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Arbeits- und Sozialgericht Wien

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Minoo Schuch-Ghannadan

Konvenuta: Medizinische Universität Wien

Domandi preliminari

- 1) Il-prinċipju ta' *pro rata temporis* previst fil-punt 2 tal-klawżola 4 tal-Ftehim qafas li jinsab fl-anness tad-Direttiva tal-Kunsill 97/81/KE tal-15 ta' Diċembru 1997 li tikkonċerna l-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time ⁽¹⁾, ikkunsidrat flimkien mal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni previst fil-punt 1 tal-klawżola 4, japplika għal dispożizzjoni leġiżlattiva li tipprevedi li t-tul totali tar-relazzjonijiet ta' xogħol konsekuttivi ta' ħaddiem jew ta' ħaddiema ta' università Awstrijaka, impjegat jew impjegata fil-kuntest ta' proġetti ffinanzjati minn terzi jew ta' proġetti ta' riċerka, huwa ta' 6 snin għall-ħaddiema impjegati full-time iżda ta' 8 snin fil-każ ta' attività part-time u, barra minn hekk, estensjoni ġdida waħda ta' tul totali li jista' jilħaq l-10 snin għall-impjegati full-time u 12-il sena fil-każ ta' attività part-time, hija awtorizzata jekk ikun hemm ġustifikazzjoni oġġettiva, b'mod partikolari sabiex jitkomplew jew jitlestew proġetti ta' riċerka jew ta' pubblikazzjoni?
- 2) Dispożizzjoni leġiżlattiva bħal dik deskritta fl-ewwel domanda tikkostitwixxi diskriminazzjoni indiretta minħabba s-sess fis-sens tal-Artikolu 2(1)(b) tad-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjegi u xogħol (tfassil mill-ġdid), meta, fost il-ħaddiema impjegati kollha li għalihom tapplika din id-dispożizzjoni, din tal-aħħar tikkonċerna perċentwali kunsiderevolment ikbar ta' nisa milli ta' rġiel?
- 3) L-Artikolu 19(1) tad-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 ⁽²⁾ dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjegi u xogħol (tfassil mill-ġdid), għandu jiġi interpretat fis-sens li mara li, fil-qasam ta' applikazzjoni ta' dispożizzjoni leġiżlattiva bħal dik deskritta fl-ewwel domanda, tinvoka diskriminazzjoni indiretta minħabba s-sess, għar-raġuni li numru kunsiderevolment ikbar ta' nisa milli ta' rġiel huma impjegati part-time, għandha tistabbilixxi n-natura verosimili ta' din iċ-ċirkustanza, b'mod partikolari l-fatt li minn perspettiva ta' statistika huma n-nisa li huma l-iktar ikkonċernati, billi tippreżenta statistika preċiża jew fatti preċiżi u billi tipproduċi provi adegwati?

⁽¹⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 267.

⁽²⁾ ĠU 2006, L 204, p. 23.

**Appell ippreżentat fil-25 ta' April 2018 minn The Green Effort Ltd mid-digriet mogħti mill-Qorti
Ġenerali (It-Tieni Awla) fit-23 ta' Frar 2018 fil-Kawża T-794/17, The Green Effort Ltd vs L-Uffiċċju
tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea**

(Kawża C-282/18 P)

(2018/C 285/31)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellanti: The Green Effort Ltd (rappreżentant: A. Ziehm, Rechtsanwalt)

Parti oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

L-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) tat-23 ta' Frar 2018 (Kawża T-794/17), fl-intier tagħha.